MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2013

Avviz Numru. 231/2011

**Charles Grech & Co Ltd (C-2473)**

**vs**

**Mark Aquilina f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Cocktail Limited (C-35704)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Lulju 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine ihallsuha s-somma ta' sitt elef, tlett mija u hamsa w sebghin ewro u sebgha ewro centesmi (€6,375.07) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenuti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta tal-konvenut Mark Aquilina li giet prezentata fil-25 ta' Jannar 2012 f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Cocktail Limited fejn eccepixxa:

*1. "Illi in linea preliminari, l-eccipjent Mark Aquilina personalment m'huwiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet attrici kif dedotti, billi huwa qatt ma kellu relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici;*
*2. Illi, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici trid tressaq prova cara u skond il-ligi tal-konsenji kollha li saru minnha, u tal-valur taghhom, a tenur, 'inter alia', tal-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);*
*3. Illi, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu resprinti billi, 'inter alia', mhuwiex minnu illi l-eccipjenti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont indikat fir-rikors promotorju;*
*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi."*

**Mark Aquilina** xehed fid-9 ta' Mejju 2012 fejn iddikjara li huwa jiftakar li f'Gunju tas-sena elfejn u sebgha kien gie avvicinat minn Shane Scicluna biex jixtri nofs club gewwa Paceville maghruf bl-isem ta' The Edge. Eventwalment kienu ltaqghu u kien ftiehem u xtara nofs dan il-club wara li kien ra l-accounts tal-kumpanija Cocktail Limited.

Huwa stqarr illi fis-socjeta' tieghu Innovative Company Limited kien xtara hamsin fil-mija (50%) tas-socjeta' Cocktail Limited u Innovative Entertainment u kienu zewg diretturi, hu flimkien ma' Ottavio Suda u sussugwentament spiccaw li kienu tliet diretturi fuq Cocktail Limited ghax maghhom kien hemm ukoll Shane Scicluna. Kienet din is-socjeta' li kienet topera The Edge. Kien hemm manager li kienu zammewh, certu Alberto Bufani u kien hu

responsabbli ghax-xiri u l-konsenja tax-xorb ghal dan il-club.

Ix-xhud spjega li fi Frar tal-elfejn u disgha (2009) jew jista' jkun aktar tard ta' l-elfejn u tmienja (2008), kien xtara wkoll hamsin fil-mija (50%) share ta' Shane Scicluna u ghalhekk baqghu li Innovative Entertainment hadet il-mija fil-mija (100%) tal-Cocktail Limited.

Ix-xhud iddikjara li huwa d-direttur ta' Cocktail Limited. Huwa kkonferma li effettivament kellhom negozju mas-socjeta' attrici u kienu jixtru x-xorb minn ghandu. Huwa jaf li s-socjeta' Cocktail Limited ghandha taghti xi flus lil Charles Grech. Effettivament ix-xhud kien iffirma l-kont li ghandhom mas-socjeta' attrici bhala direttur ta' Cocktail Limited. L-invoices li kienet tohrog is-socjeta' attrici kienu jigu ndirizzati lil Cocktail Limited u l-pagamenti kienu jsiru mill-club stess mill-cash flow li kienet tiggenera l-club.

Huwa stqarr illi huwa bhala Mark Aquilina proprju ma ghandu l-ebda negozju. Huwa esebixxa dokument li gie mmarkat Dok CSH li huwa datat 20 ta' Dicembru 2007 rigwardanti l-ftehim li huwa kellu mas-socjeta' attrici. Fis-sena elfejn u sebgha (2007) diretturi kienu x-xhud stess u Shane Scicluna zgur, pero' x-xhud mhux cert jekk Ottavio kienx ukoll direttur tas-socjeta' Cocktail Limited jew jekk kienx biss ta' Innovative Entertainment.

Id-dokument CSH huwa credit agreement li huwa kellu ma' Charles Grech u dan ghan-nom tieghu tas-socjeta' Cocktail Limited. Huwa sostna li l-parti fejn hemm miktub li huwa kien qed jidhol responsabbli skond dan il-ftehim ma ffirmahiex. Huwa ffirma biss fil-kapacita' tieghu ta' direttur.

Ix-xhud esebixxa numru ta' invoices mahruga mis-socjeta' attrici f'isem is-socjeta' Cocktail Limited li gew immarkati komplessivament u globalment bhala dokument CSH1. Fil-ftehim hemm miktub li huwa kien qed jagixxi wkoll f'ismu personali, pero' fil-parti ta' isfel ta' dan id-dokument fejn hemm il-firma tieghu bhala personalment ma ffirmahiex. Kien ghalhekk li huwa qal li dahal f'dan in-negozju biss ghan-nom u fl-interess tal-kumpanija. Huwa

zied jghid li minkejja li hemm dik il-klawsola numru hamsa, dan il-kuntratt gie ffirmat fil-hdax ta’ bil-lejl. Huwa sostna li x-xoghol ghaddej tajjeb u huma ma ghandhom l-ebda intenzjoni li ma jhallsux fil-fatt dak li hu dovut. Huwa xtaq jghid li meta ffirma dan il-ftehim ma’ kellu l-ebda spjegazzjoni dwaru.
**Veronica Cefai**, accounts clerk mas-socjeta’ Rainbow Mix, xehdet nhar is-6 ta’ Gunju 2012 fejn qalet li wiehed mid-diretturi tal-kumpanija huwa Mark Aquilina. Qalet li Mark Aquilina ghandu diversi socjeta’jiet ohra li joperaw minn dan l-istess registered office fosthom Entertainment Limited, Cocktail Limited u ix-xoghol taghha hu li tiehu hsieb il-postings accounts ta’ dawn id-diversi kumpaniji. Spjegat li Cocktail Limited tiehu hsieb night clubs fosthom The Edge. Mistoqsija jekk tafx xejn dwar is-socjeta’ Charles Grech Limited qalet li taf u jirrizulta li hemm dokumentazzjoni fir-records taghhom. Stqarret li taf li kienu jaghtu servizz lis-socjeta’ Cocktail Limited u ta’ dan is-servizz kienu jintbaghtu invoices ghal hlas. Giet murija statement a fol 22 u l-invoices ta’ wara tal-process u kkonfermat li huma kienu jircievu invoices bhal dawn. Dawn huma indirrizati lil Cocktail Limited. Mistoqsija x’kien jaghmel Shane Scicluna fis-socjeta’ Cocktail Limited wiegbet li ma tafx. L-istatement esebit a fol 20 kienu ircevew kopja bhalu fl-ufficcju. Qalet li qatt ma rcevew statements f’isem Mark Aquilina personalment, izda dejjem f’isem Cocktail Limited. Esebiet l-ahhar interpellanza li huma ghandhom on records mibghuta lilhom minn Dr Reuben Farrugia nhar l-24 ta’ Jannar 2011 dwar din il-pendenza. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument Z. Mistoqsija jekk Mark Aquilina ghandux xi negozju legittimu f’ismu personali wiegbet li le m’ghandux. Huwa minnu li f’ kull invoice li hawn esebit fl-atti hemm isem il-kumpanija kif ukoll isem il-konvenut, Mark Aquilina. Huwa minnu li s-socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici. Mistoqsija kemm hu dan l-ammont tghid li li ma tafx. Mistoqsija jekk Mark Aquilina irceviex kopja ta’ din l-ittra Dok Z fir-residenza tieghu tghid li ma tafx. Ittenni li meta Mark Aquilina jircievi ittri dwar negozju igibhom l-ufficcju. Ikkonkludiet li Aquilina li qatt ma hadilha ittra li tkun f’ismu personali mibghuta lilu minn Charles Grech.

Rat illi fis-27 ta' Gunju 2012 xehed **Stuart Farrugia** fejn iddikjara li huwa jokkupa il-kariga ta' financial controller mas-socjeta' attrici. Huwa spjega li meta huma jibdew jinnegozjaw ma' xi kumpanija gdida, igeghlu lil din kumpanija jew lil dak li jkun sabiex jimla' credit form application. Dan il-credit agreement jigi iffirmat kemm mid-diretturi tas-socjeta' in kwistjoni, u fil-kaz in kwistjoni, Mark Aquilina iffirma dan il-ftehim ghan-nom u reprezentanza tas-socjeta' Cocktail Limited rigward l-istabbiliment The Edge, u skont il-klawsola numru hamsa tal-ftehim li jinsab esebit fl-atti, id-direttur in kwistjoni, u dan b'referenza ghal Mark Aquilina, ikun qed jiffirma ghan-nom personali tieghu ukoll, de propio - fejn hu qed jobbliga ruhu in solidum flimkien mas-socjeta' Cocktail Limited. Ghalhekk f'dan il-kas Mark Aquilina iffirma kemm f'ismu personali kif ukoll ghan-nom u rapprezentanza tas-socjeta' Cocktail Limited.
Ix-xhud gie muri d-dokument CSH fl-original tieghu, liema credit agreement l-originali jinsab f'idejn is-socjeta' attrici. Mistoqsi jekk kienx prezenti waqt li gie iffirmat id-dokument esebit fl-atti a fol 35,  qal li le. Huwa spjega li meta dan il-ftehim kien gie iffirmat, huwa ma kellux il-kariga ta' financial controller, pero' f'dan il-kaz il-credit agreement gie iffirmat bejn Mark Aquilina u is-sales representative taghhom li huwa Mr Ralph Leone Ganado. Ghalhekk Ralph Leone Ganado kien prezenti waqt l-iffirmar ta' dan il-ftehim. Fi zmien meta gie iffirmat dan il-ftehim huwa kien l-assistent tal-financial controller.
Huwa ma jafx jekk Mark Aquilina kienx l-uniku direttur ta' Cocktail Limited. Fil-fatt fl-20 ta' Dicembru 2007, il-kumpanija tax-xhud Charles Grech Limited kienet iffirmat dan il-ftehim credit agreement ma' Mark Aquilina in konnessjoni ma' l-istabbiliment The Edge kif ukoll kienet iffirmat xi ftehim iehor mieghu rigwardanti font iehor. Qabel ma gie iffirmat dan il-ftehim kienu diga' jezistu transactions bejn is-socjeta' attrici u Mark Aquilina. Sa fejn jaf hu The Edge kien dejjem jippartjeni lil Mark Aquilina. Mistoqsi jekk kienx hemm xi ftehim iehor ma' Mark Aquilina qabel ma' gie iffirmat dak esebit fl-atti a fol 35 qal li ma jafx li kien hemm.
Huwa spjega li l-ammonti li qed jitolbu huma gew akkumulati wara li gie iffirmat dan il-credit agreement. Fil-fatt Mark Aquilina kien accetta dan id-debitu tieghu u fil-

fatt kien diga’ hallas xi ammonti akkont, u dan sar permezz ta’ cash jew cheque. Waqt dan il-perjodu, cioe’ mill-iffirmar tal-ftehim l’ hawn, jekk kien hemm xi pagamenti, dawn kienu minimi. Mistoqsi fil-fatt min kien qed jinnegozja ma’ dan Mark Aquilina, wiegeb li fil-fatt Ralph Leone Ganado kien qed jikkommunika mal-manager tal-istabbiliment The Edge. Mistoqsi min kien dan il-manager, qal li huwa mhux f’posizzjoni li jghid.
Ix-xhud gie muri l-istatements esebiti fl-atti a fol 22 et seq tal-process u qal li dawn jirreferu ghal statement u diversi invoices mahruga mis-socjeta’ attrici. Huwa qabel li l-invoices f’din is-sitwazzjoni li hawn esebiti fl-atti huma mahruga f’isem Cocktail Limited. L-invoices hargu The Edge Cocktail Limited u dan anke wara li gie iffirmat il-ftehim. Il-VAT number fuq dan l-invoice jista’ jkun ta’ Cocktail Limited. Mistoqsi jekk Shane Scicluna kienx Direttur tas-socjeta’ Cocktail Limited, qal li ma jafx. Huwa lil Shane Scicluna ma’ jafux vis-a-vis l-istabbiliment The Edge pero’ jaf li ghandu negozji kummercjali ohra. Ix-xhud beda jokkupa l-kariga ta’ Financial Controller minn Jannar 2009 u qablu kien hemm certu Peter Bonello.
**Ralph Leone Ganado** li huwa sales representative mas-socjeta’ Charles Grech & Company Limited xehed nhar l-4 ta’ Lulju 2012 u stqarr li lil Mark Aquilina ilu jafu xi tnax-il sena ilu. Sussugwentament sar jaf li huwa fetah xi bar maghruf bhala ‘The Edge’ gewwa Paceville, u beda ibeghlu x-xoghol ghan-nom tal-kumpanija Charles Grech. Muri *credit agreement* inserit fl-atti a fol 35 u mmarkat bhala dokument CSH qal li kien hu li innegozja dan il-ftehim. Spjega li meta l-kumpanija tieghu jkollha klijent gdid, huma jesigu dan il-*credit agreement*. Fil-fatt ftakar li kien qara dan il-ftehim flimkien mieghu. Naturalment jekk il-klijent ikun ser ihallas cash ma’ jkunx hemm bzonn ta’ dan il-ftehim. Generalment wara li jaqra dan il-ftehim, il-klijent jerga’ jaghti titwila ta’ dan il-ftehim, ikun hemm min jiehdu d-dar mieghu u jerga’ igibulu, pero’ f’dan il-kaz, wara li kienu qrawh *paragraph paragraph* flimkien, ma kienx hemm oggezzjoni min-naha tieghu, u ghalhekk jaf li iffirma dan il-ftehim. Dak in-nhar huwa kien iffirma quddiemu u sahansitra kien anke pogga l-identity card tieghu.

Ix-xhud ftakar li ftit zmien ilu Mark Aquilina kellu xi partners u f'dak iz-zmien ma kienx hemm problemi dwar il-pagamenti, izda in segwitu meta Mark Aquilina beda' jixtri n-negozju ghalih wahdu, bdew jinqalghu l-intoppi u l-hlas ma' kienx ikun regolari. Fil-fatt kienu ltqaghu meta sar il-business tieghu wahdu, qal li fil-bidu bdew mexjin bil-pagamenti, izda mbaghad waqaf. Huwa baqa' jmur fl-istabbiliment tieghu xi darbtejn fil-gimgha, bil-ghan li jigbor il-flus li huma dovuti lis-socjeta' Charles Grech, pero' ma kienx ikollu success. Huwa stqarr li diversi drabi ma' kienx ikun hemmhekk u in segwitu kien jiltaqa' ma' xi manager tieghu, bl-isem ta' Alberto. Kien Taljan u x-xhud stqarr li fil-bidu kien jaghtih wkoll xi pagamenti akkont, xi mitejn Ewro u dan wara li ottjena il-permess minghand Mark. U kienu regghu bdew mixjin fis-sens li jirriduci l-bilanc. Pero' f'daqqa wahda Alberto qallu li ma setghax ihallas aktar ghax il-finanzi kienu f'idejn Mark Aquilina u minn hemm waqaf kollox.

Minn dak inhar ippruvaw jaghmlu tentattivi diversi drabi sabiex jiltaqghu ma' Mark Aquilina. Dejjem jghidlu li ser jirrangaw pero' qatt ma' wasal bil-hlas. Darba minnhom iltaqa'mieghu wara xi kuncert u fakkru fil-bilanc u staghgeb u qallu '*mela kien ghad fadal bilanc'* u naturalment qallu li iva kien ghad baqa', izda hu kien qed jilghaba qisu ma jafx xejn. Ix-xhud tenna li ilu jahdem ma' Charles Grech & Company Limited, ghal dawn l-ahhar tnejn u ghoxrin sena.

Huwa minnu li Mark Aquilina kien klijent taghhom qabel ma gie iffirmat dan il-ftehim, pero' fis-sena 2007 kienu ghamlu ezercizzju fejn id-debituri kollha taghhom kienu iffirmaw dan il-ftehim. Ghalih il-klijent huwa 'The Edge'. Il-kumpanija li thallsu fuq dan il-post kienet Cocktail Limited. Spjega li l-unika diferenza li kien hemm f'dan il-ftehim hija li qabel dan il-ftehim Mark Aquilina kellu zewg partners ohra u l-hlas kien isir regolari u llum il-gurnata il-hlas ma jsirx. Tenna li huwa kien jithallas minghand Cocktail Limited u anke l-invoices kienu johorgu f'isem Cocktail Limited, u jimmagina li l-VAT Number huwa ta' Cocktail Limited. Lilu f'ebda hin ma' qallu Mark Aquilina li kellhom jiffirmaw xi diretturi ohrajn minn tas-socjeta' Cocktail Limited. Ghan-nom ta' Cocktail Limited, l-uniku persuna li iffirmat kuntratt mieghu huwa Mark Aquilina. Ftakar li

effettivament kienu iffirmaw dan il-ftehim fl-istabbiliment '*The Edge'* ghal habta tas-sitta ta' filghaxija.
Mistoqsi jekk staqsiex lil Mark Aquilina jekk kienx mizzewweg jew le qal li jista jkun li iva u jista jkun li le, pero' nesa. Ghalih Mark Aquilina deher kuntent bil-firma tieghu u waqfu hemm. Mistoqsi jekk talbux sabiex jiffirma fuq in-naha tal-lemin tal-ftehim fejn hemm il-kelma 'guarantor' wiegeb li iva jista jkun, pero' ma jiftakarx. Huwa pero' ma qallu xejn dwar il-kwistjoni ta' responsabbilta'. Ikkonferma li Mark Aquilina ma talab l-ebda kjarifika fuq dan il-ftehim. Kien kuntent b'dak li kien hemm miktub fil-ftehim u ghalhekk iffirma**.**

**Stuart Farrugia** rega' xehed fis-16 ta' Jannar 2013 fejn ikkonferma li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici cioe' sitt elef,tliet mija u hamsa u sebghin ewro u seba' centezmi (€6,375.07) ghadu dovut sal-lum. Huwa spjega li huma kellhom relazzjoni mal-konvenuti fis-sens li kienu jaghmlu distribuzzjoni ta' xi merkanzija fosthom xi xorb. Fis-sena 2008 il-konvenuti ma baqghux jonoraw il-pagamenti dovuti minnhom u ghalhekk huma waqfu l-kreditu li kellhom maghhom. Nonostante dan il-konvenuti xorta baqghu jixtru cash minn ghandhom u kienu jixtru cash. Fil-fatt kien jaghmel ukoll xi pagamenti sabiex jikkancella d-debitu antik tieghu. Fis-sena 2009 fix-xahar ta' Settembru l-konvenuti ma ghamlu l-ebda pagament ulterjuri iehor. Huwa tenna li anke r-relazzjoni ta' bejniethom spiccat fis-sens li ma baqghux jixtru minghand is-socjeta' attrici. L-ahhar pagament li huma ghamlu akkont kien f'Settembru 2009.

Ix-xhud esebixxa kopja tal-invoices kollha li ghadhom pendenti sal-lum, liema dokumenti gew immarkati mill-Qorti bhala dokument RB. Qal ukoll li t-tali dokumentazzjoni hija wkoll iffirmata mir-ricevitur taghha. Mistoqsi jekk ghamlux xi komunika maghhom fejn talbuhom din is-somma flus bilancjali qal li iva, pero' bla rizultat pozittiv. Huwa stqarr li l-konvenuti qatt ma kkontestaw li l-ammont mitlub minnhom huwa dovut, u kien ghalhekk li kienu qed ihallsu akkont.

**Stuart Farrugia** rega’ xehed fit-18 ta’ Marzu 2013 fejn iddikjara li l-ordnijiet li huwa kien esebixxa fis-seduta precedenti u li huma mmarkati bhala Dok RB kienu saru mas-*salesman* rispettiv u naturalment lanqas id-*deliveries* ma ha hsiebhom hu. Huwa l-financial controller u ghalhekk ma jafx min huma r-ricevituri ta’ dawn l-invoices pero’ hemm il-firem zgur. Mistoqsi jispjega l-credit note esebita fl-atti datata 24 ta’ Lulju 2008 numru 14183 qal li jrid jaghmel il-verifiki tieghu mal-ufficcju. Huwa prometta li jipprovdi din l-informazzjoni fis-seduta sussegwenti.

**Stewart Farrugia** xehed in kontro-ezami fl-24 ta’ April 2013 fejn ghamel referenza ghal dokument esebit fl-atti li hu mmarkat bhala Dok. RB a fol 90 b’mod partikolari ghall-insert datat 24 ta’ Lulju 2008 rigwardanti credit note bin-numru 14183 fl-ammont ta’ €976.48. Huwa spjega li bejn din il-credit note u t-tliet transactions l-ohra datati l-istess tal-24 ta’ Lulju 2008 jirrizulta li hemm varjanza ta’ hames minuti u dan jirrizulta minn ezami tal-invoice relattiv taht it-testatura SOP hemm il-hin.

Ix-xhud tenna li meta harget l-invoice 118330 li hija esebita fl-atti a fol 99 u datat 24 ta’ Lulju 2008, l-ordni kienet harget hazina ghax l-ewwel item Arctic Pure Vodka u 100cl kien hareg hazin u ghalhekk kellhom johorgu credit note sabiex jinqata’ l-ammont kollu ta’ €571.82. Pero’ sfortunatament il-credit note fejn kellu jigi ndikat l-item Arctic Pure Vodka giet ukoll indikata hazina u ghalhekk hargu aggustament ghal din. Ghalhekk il-credit note ta’ €976.48 tikkancella l-invoice 118330 u 118331. Fil-fatt l-ahhar invoice datata 24 ta’ Lulju 2008 li ggib in-numri 118332 fl-ammont ta’ €448.67 hija l-invoice korretta. Din l-invoice tinsab esebita fl-atti a fol 102 u hija ffirmata. Ix-xhud sostna li l-invoices l-ohra li jinsabu adjacenti 118330 u 118331 m’humiex iffirmati. Filfatt il-prodotti li hemm indikati fl-invoice a fol 102 huma l-istess oggetti li hemm indikati fl-invoice originali 118330, kull ma hemm differenti huwa l-ammont biss. Huwa ma jiehux hsieb id-deliveries u ghalhekk mhux f’posizzjoni li jaghraf il-firem.

Rat is-sentenza preliminari moghtija fl-ismijiet premessi minn din il-Qorti nhar is-26 ta’ Settembru 2012 (fol. 67) li

permezz taghha ddikjarat li l-konvenut de proprio kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ konvenuta Cocktail Limited huma l-legittimi kontradditturi f’din il-kawza u konsegwenement cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Rat l-affidavit ta’ **Mark Aquilina** li gie pprezentat permezz ta’ rikors nhar l-14 ta’ Gunju 2013 u mmarkat Dok MA1 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta’ direttur tal-kumpanija Cocktail Ltd [‘Cocktail’] u ilu jokkupa din l-istess kariga sa mit-18 ta’ Frar 2008. Iddikjara li Cocktail tmexxi club gewwa Paceville bl-isem ta’ ‘The Edge’ u huwa kien inhatar direttur taghha wara li l-kumpanija ohra tieghu, Innovative Entertainment Ltd [‘Innovative’] kienet akkwistat nofs l-ishma. Aktar tard, Innovative kienet akkwistat in-nofs l-iehor tal-ishma fi hdan Cocktail sabiex saret l-unika azzjonista. Il-konvenut iddikjara illi minkejja li llum il-gurnata huwa wahdu jokkupa l-kariga ta’ direttur ta’ Cocktail, dan mhux dejjem kien hekk. Fil-fatt, meta nhatar direttur fl-2008, kien hemm ukoll certu Ottavio Suda bhala direttur u l-konvenut jidhirlu li kien hemm zmien meta kien hemm anke certu Shane Scicluna li kien jokkupa din il-kariga. Dawn kienu jirraprezentaw l-interessi ta’ nofs l-ishma ta’ Cocktail illi Innovative kienet ghadha ma akkwistatx sa dak iz-zmien.

Il-konvenut qal illi meta dahal hu fix-xena fl-2008, sar jaf illi Cocktail kienet tixtri merkanzija konsistenti principalment f’xorb minghand Charles Grech & Co Ltd [‘Charles Grech’]. Fil-fatt, huwa nduna illi Cocktail kellha kont pendenti ma’ Charles Grech u ghalhekk kien ha hsieb illi jibdew isiru pagamenti akkont, generalment kull xahar ta’ dak li kien dovut minn Cocktail sabiex dan il-kont jithallas. B’dan il-mod Cocktail kienet hallset dak kollu li kien dovut minnha lil Charles Grech ghal dak li kellu x’jaqsam ma’ konsenji li kienu saru qbael ma huwa kien gie mahtur bhala direttur.

Fl-affidavit tieghu l-konvenut kompla jghid illi r-relazzjoni ta’ bejn Cocktail u Charles Grech kompliet b’mod normali wara t-18 ta’ Frar 2008. Qal li kien ikun hemm drabi meta Cocktail kienet thallas fi flus kontanti mal-konsenja u drabi

ohra meta hlas ma kienx isir immedjatament u ghalhekk kienet tinhareg fattura minn Charles Grech li kienet tigi ffirmata minn persuna awtorizzata ghal dan l-iskop minn Cocktail u cioe' mill-impjegat ta' Cocktail li jkun ircieva l-istess konsenja. Madankollu fl-2009 huwa skopra li kien hemm numru ta' fatturi li kienu jirreferu ghal perjodu ta' wara t-18 ta' Frar 2008 li ma kienux jixhdu l-firem ta' persuni li, fiz-zmien tal-istess fatturi, kienu impjegati ta' Cocktail. Huwa kien tkellem dwar dan ma' Charles Grech u talabhom sabiex jivverifikaw illi l-konsenji in kwistjoni kienu effettivament saru gewwa l-club 'The Edge' u mhux f'xi post iehor. Qal li minkejja t-trapass taz-zmien, Charles Grech baqghu qatt ma tawh risposta. Sa dan it-tant, Cocktail baqghet tixtri merkanzija minghand Charles Grech u kienet thallas fi flus kontanti mal-konsenja.

Iddikjara li Cocktail ma kellha l-ebda problema li thallas anke dawn il-fatturi, ammontanti b'kollox ghal sitt elef, tlett mija u hamsa u sebghin ewro u seba' centezmi (€6,375.07), gjaladarba jintwera minn Charles Grech illi l-konsenji kienu saru gewwa 'The Edge'. Qal li Charles Grech baqghu qatt ma tawh risposta u ghalhekk il-fatturi in kwistjoni baqghu pendenti. Tenna li sussegwentement s-socjeta' Charles Grech intavolat kawza kontra Cocktail u kontra tieghu personalment sabiex tigbor l-imsemmi ammont. Huwa qal li l-unika kontestazzjoni ta' Cocktail f'din il-kawza kienet biss fis-sens gja spjegat u cioe' talbet prova li l-konsenji in kwistjoni kienu fil-fatt saru favur taghha u cioe' kienu saru gewwa l-club 'The Edge'.

Madanakollu matul l-imsemmija kawza, Charles Grech xorta wahda baqghet qatt ma kkonfermat li l-merkanzija in kwistjoni kienet giet ikkonsenjata gewwa l-club 'The Edge' billi l-unika xhud li kien gie prodott dwar dawn il-konsenji kien il-Financial Controller tal-istess Charles Grech illi, bhalu, ma setghax jaghraf il-firem fuq il-fatturi in kwistjoni.

Mark Aquilina tenna li ma jemminx li r-rikjesta ta' Cocktail u cioe' konferma ta' fejn saru l-konsenji in kwistjoni hija xi haga straordinarja u dan aktar u aktar meta la Cocktail u lanqas Charles Grech ma setghu jaghrfu l-firem fuq il-fatturi in kwistjoni. Minkejja dan, Charles Grech sal-lum

naqset mill-taghti din l-informazzjoni u dan minkejja li kienu jafu li Cocktail ma kinitx ghamlet il-pagament mitlub minnhom minhabba l-fatt illi huwa, bhala direttur, kellu dubji dwar kemm dawn il-konsenji kienu effettivament saru fil-club ‘The Edge’, aktar u aktar meta, fiz-zmien li jirreferu ghalihom l-istess fatturi huwa ma kienx l-uniku direttur ta’ Cocktail. Fil-fatt qal li d-diretturi l-ohra ta’ Cocktail ta’ dak iz-zmien kellhom clubs ohrajn gewwa Paceville, minbarra l-club ‘The Edge’ bhal ma kellu anke huwa stess u ghalhekk aktar hass li kellu l-obbligu li jivverifika fejn effettivament kienu saru dawn il-konsenji.

Mark Aquilina rega’ tenna li Cocktail m’ghandha l-ebda diffikulta’ li thallas kwalsiasi fatturi li ghandhom pendenti, gjaladarba tigi murija minn Charles Grech li tali fatturi jirraprezentaw konsenji li saru gewwa l-club ‘The Edge’. Ikkonkluda li fil-fehma tieghu, Charles Grech naqset milli taghmel dan u billi Cocktail ma tafx min huma l-persuni li allegatament accettaw dawn l-istess konsenji, huwa ma jhossx li l-istess Cocktail ghandha thallas l-ammont mitlub mill-istess Charles Grech.

Ikkunsidrat:

Illi peress li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti gja giet trattata fis-sentenza fuq citata jispetta lil din il-Qorti issa tittratta t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti li hija fis-sens li s-socjeta’ attrici trid tipprova li effettivament ghamlet il-konsenja tal-merkanzija li taghha qed titlob il-hlas relattiv fl-ammont imsemmi fir-rikors promotur. Dwar kwistjoni ta’ prova, il-Qorti taghmel referenza ghal xi sentenzi nostrana li nghataw fuq il-kwistjoni ta’ prova.

Illi kif tajjeb gie osservat fis-sentenza deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ‘**<u>Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et</u>’,** deciza nhar il-25 ta’ April 2002:

*“Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U*

*dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

Issir referenza ghas-sentenza li nghatat mill-Qorti ta' l-Appelli nhar it-28 ta' April 2003 fil-kawza fl-ismijiet '**Emmanuel Ciantar vs David Curmi noe'** fejn gie ritenut li:

*"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li majhallu l-ebda dubju f'min hu imsejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr mathalli dubju ragjonevoli."*

In oltre kif gie ritenut fis-sentenza li nghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-20 ta' Ottubru 2003 fil-kawza fl-ismijiet '**George Bugeja vs Joseph Meilak'**:

*"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista'*

*tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

*Fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni."*

Ma hemmx dubbju li f'din il-kawza hemm xhieda konflingenti dwar il-fatti specie ta' dak li gara u ghalhekk jehtieg li ssir refernza ghas-sentenza li nghatat mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-28 ta' April 2004 fl-ismijiet '**Frank Medici Giordmaina et vs Wiliam Rizzo et'** fejn dwar xhieda konflingenti nghad is-segwenti:

*"Huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.*

*Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien*

*mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."*

Dwar min ghandu jgib il-provi sabiex jikkonvinci l-gudikant din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli (Sede Inferjuri) fl-ismijiet '**<u>Joseph Tonna vs Philip Azzopardi</u>',** deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:

"*In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a)*
*Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*
*b)*
*Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*
*c)*
*Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

d)
*Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* ***<u>Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco</u>*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

Issa fil-kawza odjerna, is-socjeta' attrici resqet lill-financial controller taghha Stuart Farrugia jixhed u dan f'diversi seduti fejn ikkonferma li s-socjeta' attrici kienet ikkonsenjat diversi konsenji ta' xorb kif indikat fl-invoices esebiti minnha u dan f'diversi okkazjonijiet. Dan Stuart Farrugia kkonferma li effettivament il-konsenji saru fil-fond indikat fl-invoices maghruf bhala 'The Edge' gewwa Paceville tul perjodu ta' zmien kif jirrizulta mid-dati diversi murija fl-invoices esebiti a fol. 22 et seq.

Is-socjeta' attrici resqet bhala xhud ukoll lis-sales representative taghha Ralph Leone Ganado jixhed u jispjega li kien hu li kien ghamel il-ftehim mal-konvenut Mark Aquilina dwar in-negozju tal-bejgh tax-xorb minghand is-socjeta' attrici u jghid li in segwitu tal-ftehim li l-konvenut Mark Aquilina kien iffirma (fol. 35 Dok CSH) kienu saru diversi konsenji u l-konvenut kien sahansitra ghamel diversi pagamenti akkont ukoll. Jghid li pero' kien hemm perjodu ta' zmien meta l-konvenut waqaf ihallas u ghalhekk kien imur ifittxu fil-fond fuq indikat sabiex jigbor dak dovut lis-socjeta' attrici. Jghid li fil-fatt kien hemm zmien meta sahansitra kien anke jmur darbtejn fil-gimgha pero' ma kienx ikollu success. Ikkonferma li l-konvenutma

kienx ikun hemm izda kien jiltaqa' mal-manager tieghu ta' nazzjonalita' Taljana li kien jghaddilu xi pagamenti akkont u dan wara li kien jottjeni l-permess minghand il-konvenut. Spjega li darba minnhom pero' dan it-Taljan qallu li ma setax ikompli jaghmel pagamenti ghaliex il-finanzi kienu marru f'idejn il-konvenut. Dan ix-xhud Leone Ganado jghid li kien icempel lill-konvenut u dan kien jghidlu li kien ser jirranga sabiex isir il-hlas relattiv. Stuart Farrugia min-naha tieghu jikkonferma li d-delivieries li taghhom qed jintalab il-hlas saru tant li hemm firem fuq id-delivery notes. Jghid li hu mhux f'posizzjoni li jaghraf ta' min huma pero' jghid li huma ta' ricevituri li kien hemm fil-fond meta saret il-konsenja.

Il-konvenut Mark Aquilina minn naha tieghu jixhed hu u jghid li huwa lest li jhallas il-bilanc dovut una volta jigi pruvat li l-konsenji saru fil-fond tieghu u una volta jigi identifikat min iffirma d-delivery note. Huwa ma ressaq l-ebda impjegat tieghu li jkun fl-istabbiliment sabiex jipprova li l-firem fuq id-delivery notes m'humiex taghhom u kien jispetta lilu jressaq tali prova u dan ghaliex sa fejn jasal l-attur dan ipprova li sar id-delivery u li hemm firma fuq id-*delivery note*. Kien jispetta lill-konvenut jipprova kuntrarjament li l-firem hemm indikati ma kinux tal-haddiema tieghu liema prova pero' ma ghamilx. Jinghad ukoll li meta Leone Ganado qal li kien jitlob il-flus dovuti lis-socjeta' attrici, il-konvenut ma cahadx dan fix-xhieda tieghu u ghalhekk li kieku tali flejjes ma kienux dovuti, l-Qorti kienet tispetta lill-konvenut ikun aktar vociferu fid-difiza tieghu sabiex jipprova il-kuntrarju.

Illi x-xhud imresqa mill-konvenuti u cioe' Veronica Cefai ma tghid xejn dwar il-firem fuq id-*delivery notes* u tillimita ix-xhieda taghha biss sabiex tispjega x'negozju ghandu l-konvenut Mark Aquilina fis-sens ta' kumpaniji u x'inhi il-gestjoni taghhom. Cefai li hija l-accounts clerk tal-konvenut tghid ex admisses fix-xhieda taghha tas-6 ta' Gunju 2012 li huwa minnu *"li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici"* pero' meta giet mistoqsija f'liema ammont tghid li ma tafx. Hawnhekk il-Qorti wkoll issibha difficli temmen kif allura tali xhud tghid li verament

il-konvenuti huma debituri pero’ fl-istess nifs tghid li ma tafx ghal liema ammont.

**Illi ghalhekk fid-dawl tal-provi migbura, il-Qorti jidhrilha li l-versjoni tal-fatti kif moghtija mis-socjeta’ attrici ghandha aktar mis-sewwa u hija aktar *vero simili* fic-cirkostanzi u a bazi tal-invoices esebiti minnha, il-Qorti tiddikjara li l-konvenuti *in solidum* huma debituri tas-socjeta’ fl-ammont imsemmi fir-rikors promotur taghha u cioe’ fl-ammont ta’ sitt elef, tlett mija u hamsa w sebghin Ewro u sebgha ewro centezmi (€6,375.07) u ghalhekk tordna lill-konvenuti sabiex *in solidum* ihallsu lis-socjeta’ attrici din l-istess somma.**

**Bl-ispejjez a karigu tal-konvenuti *in solidum* u bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors promotur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------